IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2018
COM(2018) 828 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għal mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għal mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fil-Konfederazzjoni Żvizzera rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi

L-UNJONI EWROPEA

u

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA

u

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN

minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet",

(1) Filwaqt li JQISU li fis-26 ta' Ottubru 2004, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għal ażil ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (minn hawn 'il quddiem: il-Ftehim tas-26 ta' Ottubru 2004) ġie konkluż[1].

(2) Filwaqt li JQISU li fit-28 ta' Frar 2008, il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (minn hawn 'il quddiem: il-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008) ġie konkluż[2].

(3) Filwaqt li JFAKKRU li fis-26 ta' Ġunju 2013 l-Unjoni Ewropea adottat ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' *data* tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament (UE) Nru 603/2013) [3].

[1] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
[2] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 39.
[3] ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1.

(4) Filwaqt li JFAKKRU li l-proċeduri għat-tqabbil u għat-trażmissjoni tad-*data* għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 603/2013 ma jikkostitwixxux żvilupp li jibni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Eurodac skont it-tifsira tal-Ftehim tas-26 ta' Ottubru 2004 u tal-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008.

(5) Filwaqt li JQISU li jenħtieġ li jiġi konkluż Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, minn hawn 'il quddiem "l-Iżvizzera", u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, minn hawn 'il quddiem "il-Liechtenstein", sabiex l-Iżvizzera u l-Liechtenstein ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-aspetti tal-Eurodac li huma relatati mal-infurzar tal-liġi u għalhekk jippermetti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura fl-Iżvizzera u fil-Liechtenstein jitolbu għat-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' trażmessa lis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac mill-Istati parteċipanti l-oħrajn.

(6) Filwaqt li JQISU li l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi lill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandha wkoll tippermetti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura mill-Istati parteċipanti l-oħrajn u mill-Europol jitolbu t-tqabbil tad-*data* tal-marki tas-swaba' trażmessa lis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

(7) Filwaqt li JQISU li l-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi maħtura tal-Istati parteċipanti u tal-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra skont dan il-Protokoll jenħtieġ li jkun soġġett għal standard ta' protezzjoni tad-*data* personali skont il-liġi nazzjonali tagħhom li tkun konformi mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI[4].

(8) Filwaqt li JQISU li l-kundizzjonijiet l-oħra stipulati fir-Regolament (UE) Nru 603/2013 fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati parteċipanti kif ukoll mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħrajn jenħtieġ li japplikaw ukoll.

(9) Filwaqt li JQISU li l-aċċess għall-awtoritajiet maħtura tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein jenħtieġ li jkun permess biss bil-kondizzjoni li t-tqabbil mal-bażijiet tad-*data* nazzjonali tal-marki tas-swaba tal-Istat rikjedenti u mas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati l-oħrajn kollha skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali[5] ma kienx wassal biex tiġi stabbilita l-identità tas-suġġett tad-*data*. Dik il-kondizzjoni tirrikjedi li l-Istat Membru rikjedenti jagħmel tqabbil mas-sistemi awtomatizzati tal-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' tal-Istati parteċipanti l-oħrajn kollha skont id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li huma teknikament disponibbli, sakemm dak l-Istat rikjedenti ma jkunx jista' jiġġustifika li jeżistu raġunijiet suffiċjenti biex wieħed jemmen li dan ma jkunx iwassal biex tiġi stabbiltà l-identità tas-suġġett tad-*data*. Tali raġunijiet suffiċjenti jeżistu b'mod partikolari fejn il-każ speċifiku ma jippreżenta l-ebda rabta operattiva jew investigattiva mal-gvern ta' Stat parteċipanti partikolari. Dik il-kondizzjoni tirrikjedi l-implimentazzjoni legali u teknika minn qabel tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI mill-Istat rikjedenti fir-rigward tad-*data* dattiloskopika, billi ma għandux ikun

[4] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
[5] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

permess li ssir verifika tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi meta l-ewwel ma jkunux ittieħdu dawn il-passi ta' hawn fuq.

(10) Filwaqt li JQISU li qabel ma jfittxu fil-Eurodac, l-awtoritajiet maħtura tal-Iżvizzera u l-Liechtenstein jenħtieġ ukoll li, sakemm il-kondizzjonijiet għal tali tqabbil ikunu ġew issodisfati, jikkonsultaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra[6].

(11) Filwaqt li JQISU li mekkaniżmi identiċi fir-rigward ta' leġiżlazzjoni ġdida u atti jew miżuri ġodda kif previsti fil-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 u l-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008, inkluż ir-rwol tal-Kumitat Konġunt, jenħtieġ li japplikaw għal kull leġislazzjoni ġdida u atti jew miżuri ġodda fir-rigward tal-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 għandu jiġi implimentat mill-Iżvizzera f'dak li jirrigwarda t-tqabbil ta' *data* tal-marki tas-swaba' ma' dawk maħżuna fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u applikat fir-relazzjonijiet tagħha mal-Liechtenstein u mal-Istati parteċipanti l-oħrajn.

2. Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 għandu jiġi implimentat mil-Liechtenstein f'dak li jirrigwarda t-tqabbil ta' *data* tal-marki tas-swaba' ma' dawk maħżuna fis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u applikat fir-relazzjonijiet tagħha mal-Iżvizzera u mal-Istati parteċipanti l-oħrajn.

3. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea minbarra d-Danimarka għandhom ikunu kkunsidrati bħala Stati parteċipanti fit-tifsira tal-paragrafi 1 u 2. Huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 li jirrigwardaw l-aċċess għall-infurzar tal-liġi għall-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

4. Id-Danimarka, l-Iżlanda u n-Norveġja għandhom jiġu kkunsidrati bħala Stati parteċipanti fis-sens tal-paragrafi 1 u 2 sal-punt li ftehimiet simili rispettivi għall-ftehim attwali jiġu applikati bejniethom u l-Unjoni Ewropea li jirrikonoxxu l-Iżvizzera u l-Liechtenstein bħala Stati parteċipanti.

Artikolu 2

1. Dan il-Protokoll ma għandux jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Iżvizzera qabel ma d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/680 kif ukoll il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 603/2013 fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali jiġu implimentati u applikati mill-Iżvizzera b'rabta mal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

2. Dan il-Protokoll ma għandux jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Liechtenstein qabel ma d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/680 kif ukoll il-kondizzjonijiet stipulati fir-

[6] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.

Regolament (UE) Nru 603/2013 fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali jiġu implimentati u applikati mill-Liechtenstein b'rabta mal-ipproċessar tad-*data* personali mill-aworitajiet nazzjonali tagħhom għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tas-26 ta' Ottubru 2004 u l-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008 dwar leġiżlazzjoni ġdida u atti jew miżuri ġodda, fosthom dawk li jikkonċernaw il-Kumitat Konġunt, għandhom japplikaw għal kull leġislazzjoni ġdida u għal atti jew miżuri ġodda relatati mal-aċċess għall-Eurodac għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi.

Artikolu 4

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Protokoll.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara n-notifika mid-depożitarju lill-Partijiet li l-istrument ta' ratifika jew approvazzjoni tal-Unjoni Ewropea u ta' mill-anqas wieħed mill-Partijiet l-oħrajn ikun ġie ddepożitat.

3. Dan il-Protokoll ma għandux japplika fir-rigward tal-Iżvizzera qabel ma d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ikunu ġew implimentati mill-Iżvizzera u sakemm ikunu tlestew il-proċeduri ta' evalwazzjoni skont Kapitolu 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali[7] fir-rigward ta' *data* dattiloskopika fir-rigward tal-Iżvizzera.

4. Dan il-Protokoll ma għandux japplika fir-rigward tal-Liechtenstein qabel ma d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ikunu ġew implimentati mil-Liechtenstein u sakemm ikunu tlestew il-proċeduri ta' evalwazzjoni skont il-Kapitolu 4 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI fir-rigward ta' *data* dattiloskopika fir-rigward tal-Liechtenstein.

Artikolu 5

1. Kull Parti tista' tirtira minn dan il-Protokoll billi tibgħat dikjarazzjoni bil-miktub lid-depożitarju. Din id-dikjarazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tiġi depożitata.

2. Il-Protokoll ma għandux jibqa' applikabbli jekk l-Unjoni Ewropea jew l-Iżvizzera kif ukoll il-Liechtenstein ikunu rtiraw minnu.

3. Dan il-Protokoll ma jibqax applikabbli fir-rigward tal-Iżvizzera jekk il-Ftehim tas-26 ta' Ottubru 2004 ma jibqax applikabbli fir-rigward tal-Iżvizzera.

4. Dan il-Protokoll ma jibqax applikabbli fir-rigward tal-Liechtenstein jekk il-Protokoll tat-28 ta' Frar 2008 ma jibqax applikabbli fir-rigward tal-Liechtenstein.

[7] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

5. L-irtirar ta’ Parti waħda minn dan il-Protokoll jew is-sospensjoni jew il-waqfien tiegħu minn Parti waħda ma jaffettwa la l-Ftehim tas-26 ta’ Ottubru 2004 u lanqas il-Protokoll tat-28 ta’ Frar 2008.

Artikolu 6

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f’test oriġinali uniku bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, u kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

L-oriġinal għandu jiġi ddepożitat mad-depożitarju, li għandu jistabbilixxi kopja awtentika ċċertifikata għal kull waħda mill-Partijiet.

Magħmul fi Brussell fi